**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 25 ta' Frar, 2000**

**Rikors Nru: 13B/95**

**Alfred Mifsud**

**vs**

**Andrew Abela**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti, wara li ppremetta illi huwa jikri lill-intimat l-ghalqa maghrufa Tas-Silg limiti ta' Marsaxlokk bi qbiela ta' tmien liri fis-sena pagabbli fil-15 ta' Awissu b'lura.

Illi huwa jixtieq jirriprendi pussess ta' l-istess ghalqa ghax ghandu bzonnha biex din tibda tinhadem minn ibnu James Mifsud.

Illi huwa lest li jhallas il-kumpens tal-volta dovut lill-intimat skond il-Ligi li dan il-Bord jghogbu jillikwida ghall-fini tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, talab li dan il-Bord jogghbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess ta' l-imsemmija ghalqa u dan ghar-ragunijiet imsemmija u ghall-finijiet tal-Ligi jitlob lil dan il-Bord jillikwida kwalunkwe kumpens talvolta dovut.

Ra ir-risposta ta' l-intimat (a fol 4 tal-process) li permezz taghha espona bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda billi l-esponenti, li huwa bidwi "full time", ser ibaghti aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh u li r-raba in kwistjoni huwa fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra;

Illi, in sintesi l-provi prodotti mir-rikorrent huwa is-segwenti;

a) L-istess rikorrenti (a fol 11 tal-process) spjega li l-art in kwistjoni ghandha kejl superficjali ta' zewgt itmiem, li hu kellu bzonn tal-istess art sabiex din tinhadem minn ibnu James, li kien attenda l-Iskola Danny Cremona fl-Ghammieri u li kien ser jahdem bhala bidwi u jaqla' l-ghixien tieghu. L-istess rikorrenti kompla jispjega li hu kien jipposiedi biss zewg bicciet ohra ta' raba ta' nofs tomna il-wahda u mahdumin minnu u l-istess ibnu rispettivament.

b) L-istess James Mifsud (a fol 13 ibid) li spjega li kien ser jispicca jitghallem bhala gardinar fl-iskola imsemmija fi Frar 1997 (ara wkoll id-dokumenti a fol 29 u 30 tal-process).

Ikkunsidra

Illi da parti tieghu l-intimat ipproduca is-segwenti provi:

a) L-istess intimat (a fol 19 et seq ibid) spjega li hu registrat u jahdem minn dejjem bhala "full time" fir-raba. In rigward dan hu kompla jghid li huh, Salvino Abela, jahdem mieghu bi shab u l-qliegh u spejjez mix-xoghol tar-raba jinqasam bejniethom "kollox bin-nofs". Inoltre, in kontroezami, hu specifika li oltre r-raba in kwistjoni, hu u huh kienu jahdmu raba iehor, u li , b'kollox, fuqu u fuq l-istess huh kien hemm registrati 49 tomna, 5 sighan u tlett kejliet (ara id-dokument immarkat Dok. S1 a fol 22 tal-process kif ukoll dak verbalizzat a fol 15 tal-process).

In rigward dan ir-raba kollu, hu kompla jghid li "kollu kemm hu kien baghli "ghalkemm f'xi partijiet nahdimha b'mod tajjeb hafna u ngibu xi ilma mill-process ta' Sant Antnin". Inoltre tmint itmiem mill-istess raba kien sitwat vicin il-Bahar. " u allura ovvjament inbaghtu fil-prodott" waqt li "ghal kuntrarju l-prodott tal-art in kwistjoni huwa mill-ahjar ghax qeghdin f'raba tajba hafna".
B) hu l-intimat Salvino Abela (a fol 23 ibid) li, ikkonferma dak kollu li xehed huh l-intimat b'mod aktar succint.
c) L-istess rikorrenti u huh regghu xehdu (ara fol 34 sa 40 tal-process) in konnessjoni mal-assi rispettivi taghhom.

Ikkunsidra

Illi il-membri teknici tal-Bord nominati (ara fol 25 tal-process) issottomettew fir-rapport taghhom a fol 41 tal-process li r-raba' in kwistjoni "ghalkemm fuq il-hitan hemm il-kanali li suppost jwasslu l-ilma tal-impjant ta' Sant Antnin (Wied il-Ghajn) l-ilma ma jasal qatt sa dan ir-raba "inoltre meta sar l-access fit-3 ta' Gunju 1997, huma innotaw li fir-raba in kwistjoni ta' kejl ta' zewgt itmiem, il-prodott kien silla li kienet diga giet mahsuda, li go fih ma kienx hemm bjar u lanqas sigar tal-frott u li matul l-ahhar tmien snin ma kien sar ebda benefikat agrikolu.

Ikkunsidra

Illi t-talba in ezami qed issir a basi tal-artikoli 4 (2) (a) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta li jirreferi ghall-htiega li s-sid jiehu lura r-raba' mikri biex jigi uzat ghal skopijiet agrikoli minn provvediment jew minn xi membri tal-familja tieghu personalment ghal perjodu ta' mhux anqas minn erba' snin konsekuttivi dekorribli mid-data tat-terminazzjoni.

Illi in rigward dan, gie pruvat mill-provi prodotti kif sintetizzati li r-rikorrenti ghandu bzonn l-istess raba sabiex dan jinhadem minn ibnu James.

Ikkunsidra

Illi b'referenza ghal provviso fl-istess artikolu citat fejn jinghad illi c-cirkostanzi kif hemm fuq specifikat ma tkunx raguni bizzejjed biex tigi milqugha talba bhal dik in ezami jekk il-kerrej jipprova li r-raba in kwistjoni jkun fonti importanti tal-ghixien tieghu u tal-familja tieghu, u jekk dan il-Bord jkun sodisfatt li il-kerrej ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.

Ikkunsidra

Illi in rigward l-ewwel punt, ghandu jinghad minnufih li jidher car u evidenti li l-intimat ma pprovax li fil-fatt, l-ghalqa in kwistjoni hu parti importanti tal-ghixien tieghu u tal-familja tieghu, tenut kont specjalment tal-kejl ta' raba globali li tinhadem minnu u minn huh bhala shab kif hawn fuq premess.

Ikkunsidra

Illi in rigward it-tieni punt u bhala konsegwenza ta' dak gja premess, l-istess Bord ma jarax li t-tbatija ossija "hardship" tal-kerrej, f'dan il-kaz, hi akbar minn dik tas-sid, f'kaz ta' terminazzjoni ta' din il-kirja. Anzi tenut kont tal-kejl ta' raba globali detenut u mahdum mis-sid, ir-rikorrenti, u ibnu, kif hawn fuq specifikat, jidher li f'kaz li t-talba in ezami ma tkunx akkolta dan il-Bord ikun qed jikkawza "hardship" akbar fil-konfront tal-istess rikorrenti.

Ikkunsidra:

Illi, wara li jidher li t-talba ghat-terminazzjoni ta' din il-kirja trid tigi akkolta in rigward kumpens, mill-istess relazzjoni peritali citata, jidher li f'dan il-kaz ma kienu saru ebda benefikati u b'hekk ma hu dovut ebda kumpens skond il-ligi "in materia" (ara l-artikolu 4(4) tal-kapitolu 199 citat).

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta u fil-waqt li jiddikjara li f'dan il-kaz ma hemm dovut ebda kumpens, jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-ghalqa maghrufa bhala "Tas-Silg" fil-limiti ta' Marsaxlokk u dan sal-15 ta' Awissu 2000.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

A.Calleja
Dep.Reg.